**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 8 ta' Gunju, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Ludovick Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ludovick Bartolo detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 542874M.

1. Billi hu akkuzat talli nhar il-21 ta' Settembru, 2013, ghal-habta tat-8:30 ta' fil-ghodu gewwa Triq Kottonera, Birgu, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IBP-135, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolarmenti, ikkaguna il-mewt ta' Sara Farrugia ta' 15-il sena u detentrici tal-karta ta' l-

identita bin-numru 486897M u dan bi ksur ta' l-artikolu 255(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil Luke Farrugia ta' 6 snin u detentur tan-numru ta' l-identita 310407L u dan bi ksur ta' l-artikolu 226(1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluza u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1) (a), 2 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, joghgoba tordna l-iskwalifika ta' kull licenza tas-sewqan ta' Ludovick Bartolo ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Gunju, 2015, (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat is-Social Inquiry Report inserit a fol. 254 tal-atti processwali.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet Finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Settembru 2013 ghall-habta tat-8.15am fi Triq Kottonera, Birgu, ezattament quddiem il-Kottonera Sports Complex fejn zewg minuri, Sara Farrugia ta' hmistax il-sena u Luke Farrugia ta' sitt snin, sfaw imtajra minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBP 135 tal-marka Toyota Vitz li kienet misjuqa mill-imputat Ludovick Bartolo. Luke Farrugia sofra griehi ta' natura hafifa bhala konsegwenza tal-incident u Sara Farrugia sofriet feriti gravi f'rasha u f'diversi partijiet ta' gisimha u dejjem bhala konsegwenza ta' dawn il-griehi li sofriet sfortunatament tilfet hajjitha l-ghada, u cioe' fit-22 ta' Settembru 2013.

Illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fuq il-karreggjata tax-xellug gej mid-direzzjoni ta' Bormla u sejjer lejn Haz-Zabbar fejn kien dirett lejn il-ground ta' Haz-Zabbar fejn huwa kien impjegat bhala direttur tekniku u huwa kellu bhala passiggier mieghu fuq is-seat ta' wara lill-ibnu ta' disa' snin li kien ser jattendi lezzjoni tal-football fl-istess Kumpless Sportiv. Sara u Luke Farrugia kienu telqu mid-dar taghhom li tinsab ftit metri l-boghod minn fejn sehh l-incident u kienu wkoll diretti lejn il-Kumpless Sportiv fejn Luke kellu lezzjoni tal-football.

Illi l-incident sehh fil-kareggjata tax-xellug meta mid-direzzjoni ta' Bormla wiehed ikun sejjer lejn Haz-Zabbar u fuq in-naha tax-xellug ezatt quddiem il-bus shelter li hemm faccata tal-Kumpless Sportiv tal-Kottonera u li jinsab 26 metru l-boghod minn pedestrian crossing.

Illi mir-rapporti tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali, l-Perit Richard Aquilina[i] u l-perit tekniku Joseph Zammit, illi n-nomina taghhom giet debitament ikkonfermata minn din il-Qorti, rrizulta li l-ispot of impact kien ezatt quddiem il-bus shelter. Sara Farrugia instabet wiccha mal-art taht il-

bankina quddiem il-bus shelter u l-pozizzjoni fejn hija nstabet hija ndikata fl-iskizz imhejji minn PS 1122 Arthur Rizzo li jinsab esebit a fol. 194 tal-atti processwali filwaqt li fir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers u li jinsabu inseriti a fol. 69 et sequitur hemm indikat it-ticpis ta' demm li nstab fit-triq u t-tifrik tal-hgieg li wkoll jindikaw fejn sehh l-impatt. Il-vettura tal-imputat instabet aktar l-isfel fuq il-karreggjata opposta bi brake mark hafif (faint) u kellha hsarat fil-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug, fil-windscreen ta' quddiem, fil-mera tan-naha tax-xellug, fil-fanal tan-naha tax-xellug u fil-bumper ta' quddiem.

Illi a tempo vergine meta tkellem mal-Pulizija u mal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali hawn fuq indikati l-imputat Ludovick Bartolo qal li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-karreggjata tax-xellug sejjer lejn Haz-Zabbar meta f'daqqa wahda ra persuna zghira bi flokk isfar u l-ewwel reazzjoni tieghu kienet li jigbed lejn il-lemin ghal gol-karreggjata opposta u sema' hoss. Wara dan huwa ghafas il-brejk, waqaf u nizel mill-vettura tieghu fejn ra tfajla u tifel zghir mal-art. Huwa beda' jghajjat sabiex xi hadd icempel ghall-ambulanza u fil-pront waqfet vettura tal-Pulizija li nzertaw ghaddejjin minn fuq il-post li hadu s-sitwazzjoni f'idejhom.

Illi mir-rapport tal-espert il-Perit Richard Aquilina[ii] jirrizulta li fid-direzzjoni li kien qed isuq l-imputat huwa kellu x-xemx quddiemu. Jirrizulta wkoll li s-sigar li hemm qabel il-bus shelter huma ftit hoxnin u meta wiehed jigi linja maghhom ikun mistur. Skond l-espert dan seta' kien fattur li kkontribwixxa ghall-incident ghaliex b'dawk is-sigar Sara Farrugia kellha l-vizwali ristretta. Dejjem skond il-konkluzzjonijiet tal-espert il-Perit Richard Aquilina il-brake mark li kien hemm fuq il-post kien pjuttost hafif u dan ma jindikax velocita' kbira.

Illi mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit[iii] jirrizulta s-segwenti:-

> Mill-ezamijiet teknici li saru fuq il-karozza, ma kienx jirrizulta illi l-incident sar minhabba xi hsara teknika li l-karozza garbet qabel jew waqt l-incident, imma li l-incident issuccieda waqt illi t-tfal nizlu l-bankina biex jaqsmu ghan-naha l-ohra gol-karregjata l-ohra tan-naha tal-lemin, wisq probabbli bl-intenzjoni li jidhlu fil-kumpless imsemmi, meta l-karozza li kienet qieghda tinstaq gol-istess karrigjata mid-direzzjoni ta' Bormla ghad-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, fejn dawn iz-zewgt itfal gew milqutin min-naha ta' quddiem tax-xellug tal-istess karozza.

Illi mir-rapport ta' dan l-espert tekniku rrizulta wkoll:-

> Quddiem l-imsemmi inkrocju, fin-nofs, bejn iz-zewg karrigjati, jinsab tifrik tal-hgieg u parti mill-hgiega tal-mera ta' bieba ta' karozza. (Segwi ritratt mmarkat bhala DOK JZ1).
>
> Fil-karriggata tax-xellug, aktar lejn in-naha tax-xellug, taht il-bankina, quddiem bus shelter ezistenti, jinsabu zewg dwawar ta' kulur ahmar bhal demm, u tajjar imcappas bl-istess kulur ahmar ta' demm. (Segwi ritratt immarkat bhala DOK JZ 2 u DOK JZ 3).
>
> Madwar tletin metru 'l fuq, go l-istess karrigjata u fil-karrigjata l-ohra, jinsabu t-traffic lights u pedestrian crossing. Dawn il-pedestrian crossing jiffunzjonaw manwalment permezz ta' push li tinghafas. Dawn it-traffic lights, fil-hin tal-incident u waqt l-access, instabu jiffunzjonaw tajjeb meta dawn gew ukoll ippruvati.
>
> Madwar mitt metru 'l fuq, lejn id-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, fil-karrigjata tal-lemin, tinstab wieqaf lejn in-nofs tal-karriggjata msemmija il-karozza nvoluta fl-incident, dik tal-marka Toyota ta' mudell Vitz, ta' kulur iswed, bin-numru ta' registrazzjoni JBP-135. (Segwi ritratti mmarkati bhala DOK JZ 4 u DOK JZ5).

Il-karozza kienet tinsab bi hsara ta' natura konsiderevoli fuq il-parti frontali taghha, lejn in-naha tax-xellug, liema hsara tikkonsisti billi l-bumper jinsab b' taghtina u mdahhla il-gewwa bil-mudguard kollox; bil-fanal 'headlamp' tal-istess naha mkisser, bil-hgiega tieghu mkissra; il-windscreen ta' quddiem tinsab imkissra forma ta' stilla fil-parti t' isfel, fin-naha tax-xellug ukoll u l-pilastru tal-istess hgiega windscreen tan-naha tax-xellug jinstab b' taghtina soda fuqu. (Segwi ritratti mmarkati bhala DOK JZ 6 u DOK JZ 7, liema ritratt fuqu jidher hekk mahbut il-pilastru tal-windscreen ta' quddiem, kif imsemmija).

L-esponent fuq il-post ghamel l-ezemijiet teknici tieghu fuq il-vettura li nstabet hekk bil-hsara kif spejgat. L-ezamijiet teknici gew maghmula billi wkoll huwa ttestja u saq din il-vettura fuq il-post tal-incident u toroq ohra fil-vicin fil-prezenza tal-istess sewwieq taghha, Ludwig Bartolo, fuq il-passenger sea tta' quddiem, fejn l-esponent ghamel u ttestja dak kollu li ghandu x' jaqsam ma' regolamentazzjoni tat-traffiku.

Hawn l-esponent sab li kollox jiffunzjona sewwa; dawk li huma sistema ta' stering u anke s-sistema tal-brejkijiet, kollox jiffunzjona sewwa. Il-vettura hija mghammra b' sistema ta' power breaks u ta' power steering, li dawn kollha nstabu jiffunzjonaw mjja fil-mija sewwa.

Fil-karrigjata tax-xellug, aktar l-isfel, fejn go fiha ssuccieda l-incident, ma nstabu l-ebda mpronti ta' brake marks jew marki ohra, Instabu marki ta' brake marks fuq naha wahda, mhix daqstant grassi, li nstabu fil-kariggjata tal-lemin li fiha nstabet il-karozza, aktar 'l isfel minn fejn dawn l-impronti nstabu.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu 2017 fejn huwa spjega li dakinhar tal-incident kien telaq mid-dar tieghu il-Pieta' u kien sejjer il-football ground ta' Haz-Zabbar fejn kien impjegat part time bhala direttur tekniku ghaliex ix-xoghol principali tieghu

huwa ta' ghalliem u mieghu fil-vettura kellu lill-ibnu ta' disa' snin li kellu lezzjoni tal-football li kienet ser tibda fid-9.30am. Huwa jghid li l-incident sehh quddiem il-Kumpless Sportiv ta' Bormla ghall-habta tat-8.30am u spjega li kien dar mar-roundabout li hemm fin-naha t'isfel tal-Kumpless u sejjer lejn Bieb is-Sultan u kien miexi fuq il-karreggjata tax-xellug meta f'daqqa wahda ra flokk isfar fuq in-naha tax-xellug tieghu, sema' hoss u huwa immedjatament kiser lejn il-lemin u mar fuq il-karreggjata opposta sabiex jevita li jtajjar lill-persuna bil-flokk isfar u mbaghad ghafas il-brejk. L-imputat jghid li kien qed isuq b'velocita' ta' mhux aktar minn erbghin kilometru fis-siegha. Huwa jispjega li meta nizel mill-vettura tieghu, li kienet ghadha startjatha, ra lit-tfajla b'wiccha mal-art u lit-tifel li kien bilqeghda mal-art u li qam mal-ewwel u huwa beda jghajjat sabiex tissejjah ambulanza fuq il-post. Huwa jsostni li fil-hin tal-incident ma kienx hemm nies fit-triq. L-imputat qal ukoll li immedjatament wara li sehh l-incident huwa kellu xokk kbir fuqu u ma kienx f'pozizzjoni li jitkellem mal-Pulizija u mal-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti anki ghaliex huwa kien ibaghti minn kundizzjoni f'qalbu u sena u nofs qabel kien sarlu ntervent kirurgiku.

Illi l-imputat spjega li l-kundizzjoni tat-triq dakinhar tal-incident kienet tajba fis-sens li t-triq kienet xotta u qal li huwa ma kellux dawl f' ghajnejh u li-windscreen kien nadif. Huwa qal ukoll li fejn sehh l-incident lejn ix-xellug tieghu hemm bus shelter u s-sigar u ftit il-fuq hemm pelican lights. L-imputat qabel mal-konkluzzjoni tal-Perit Richard Aquilina li minhabba s-sigar u l-bus shelter il-vizwali hija ristretta.

Illi in kontro-ezami l-imputat qal li l-flokk isfar kien distanza ravvicinata hafna tieghu meta rah.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 225(1)(2) u 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll b' dak kontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 225 jitkellem fuq nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwaqt li l-Kap.65 jitkellem fuq sewqan b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Perit Louis Portelli' gie stipulat li:

> "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.
>
> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jirrizulta li l-unika xhud okkulari tal-incident de quo huwa l-istess imputat. Din il-Qorti setghat tikkonstata li l-verzjoni tieghu tinsab pjenament kkorraborata minn provi indizzjarji ohra fis-sens li mir-rapporti tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali jirrizulta li l-imputat kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu b'velocita' mhux eccessiva u li l-vettura tieghu kienet qed tiffunzjona sew. F'dan ir-rigward din il-Qorti tixtieq tippreciza li s-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-brake mark imholli mill-vettura tal-imputat, dawk dwar il-post minn fejn bdew il-brake marks li skond l-istess Prosekuzzjoni jindika l l-imputat kien qed isuq lejn nofs it-triq u dawk  dwar l-istat mhux tajjeb li kienet fih il-vettura tal-imputat fejn il-brakes ma kienux qed jiffunzjonaw sew huma ghal kollox kontradetti mill-konstatazzjonijiet li ghamlu l-esperti l-Perit Richard Aquilina u dak tekniku Joseph Zammit. Kif rilevat aktar il-fuq fil-korp ta' din d**in is-sentenza** Joseph Zammit kemm fir-rapport tieghu kif ukoll meta xehed in ezami u in kontro-ezami quddiem din il-Qorti dejjem ikkonferma li mill-ezamijiet teknici li huwa ghamel fuq il-vettura tal-imputat din kienet tiffunzjona kif suppost u ma kellha ebda hsara teknika. Inoltre iz-zewg esperti t-tnejn jindikaw li l-brake mark li kien hemm fuq il-karreggjata tal-lemin kien hafif (faint) u kien jindika li l-imputat kien qed isuq b' velocita' mhux kbira. Huma inoltre kkonstataw li ma kienx hem brakemarks fuq il-karreggjata tax-xellug fejn sehh l-impatt. Il-provi indizjarji kollha jindikaw li l-ispot of impact sehh fuq i-naha tax-xellug tat-triq u ftit metri l-barra mill-bankina u li l-imputat ghafas il-brejk wara li kien gibed lejn il-lemin meta ra l-flokk isfar u din hija r-raguni il-ghala l-brake marks jibdew minn nofs it-triq u bl-ebda mod ma jfisser li huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq kif tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ssostni wkoll li kien hemm nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat stante li huwa naqas milli jara lill-vittmi

nonostante vizwali ininterrotta u fit-tul. Id-Difiza min-naha l-ohra ssostni li l-imputat kien qed isuq b' kawtela u qed izomm a proper lookout u l-impatt kien wiehed imprevedibbli ghas-sewwieq u sehh unikament tort tal-pedestrians li kienu qed jaqsmu r-triq.

Illi fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Roderick Debattista' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar id-dover tal-proper lookout:-

> "Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-6 ta' Gunju 2003 rriteniet ukoll li:-

> "... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."

Illi dwar l-obbligi tal-pedestrian u l-culpa din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghall-espozizzjoni legali ezawrjenti maghmula f' sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) tat-28 ta' Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Dorianne Camilleri' u cioe' is-segwenti:-

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti ghandu qabel xejn jigi investit il-kwezit dwar x’inhi r-r-responsabbilta tal-pedestrian fit-triq meta imqabbel ma’ dawk tassewwieq qabel ma tinoltra ruhha fil-kwestjoni dwar x’ighid id-dritt penali taghna dwar il-culpa u il-grad ta’ prudenza mistenni mis-sewwieq fis-sewqan prudenti.

Ibda biex kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, “driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed liddriver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak ilpedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "IlPulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghallgharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)”

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta’ pedestrian. Il-Qorti kompliet:

“Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;

b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;

c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."”

Il-Qorti kompliet tghid:

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." ("Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968].

Arginati ghalhekk dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, li ghamlet ukoll referenza ghalihom l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghallinvestiment ta’ persuna, irid ikun hemm prova cara ta’l-hekk imsejjah ‘emergenza subitanea’ li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam ittriq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f’posizzjoni li la jista’ jipprevedi dan issinistru u lanqas jista’ jipprevjenieh.

U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:

“In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;

2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u

3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa’ dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta’ tal-att, in-nuqqas ta’ previzjoni tal-effetti dannuzi ta’ dak l-att u l-possibilta’ ta’ previzjoni ta’ dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b’diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista’ ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta’ Dicembru 1958 mill-Qorti ta’ lAppelli Kriminali)”

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta’ zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, “…

il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".

L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u ttejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline).

Quindi occorrono due requisiti:

a) la violazione di una regola;

b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.

In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;

2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;

3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;

4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.

> Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta’ emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta’ qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta’ diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta’ negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta’ komportament mistennija, fit-termini ta’ dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li semghat il-verzjoni moghtija mill-imputat u wara li rat il-provi kollha indizzjarji f’ dan il-kaz, liema provi indizjarji jikkoroboraw pjenament il-verzjoni minnu moghtija, hija tal-fehma li ma tirrizulta ebda negligenza, traskuragni, imperizja jew sewqan perikoluz jew bla kont da parti tieghu u l-anqas ma jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien hem nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku jew nuqqas ta’ proper lookout da parti tal-imputat.

Illi kif diga’ gie osservat aktar il-fuq ma jirrizulta minn imkien li l-imputat kien qed isuq b’ velocita’ eccessiva. Jirrizulta anzi li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fuq il-karreggjata tieghu b’ velocita’ adegwata u li huwa kellu l-vettura li kienet qed tiffunzjona tajjeb u bil-windscreen nadif. Jirrizulta li l-impatt sehh fuq il-karreggjata tax-xellug li fiha kien qed jipprocedi l-imputat u aktar lejn il-bankina milli lejn nofs it-triq. Dan jirrizulta mit-ticpis tad-demm li hemm mal-art u mill-post indikat fejn instabet il-vittma Sara Farrugia skond kif indikat minn PS1122 li hejja l-iskizz li saret referenza ghalih aktar il-fuq.

Illi l-Prosekuzzjoni tinsisti li ghandu jitqies li l-imputat ma zammx a proper lookout ghaliex huwa dejjem qal li ma kienx ra lill-vittmi f'dan l-incident qabel l-impatt.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tat importanza kbira ghal-konstatazzjoni maghmula mill-espert il-Perit Richard Aquilina fejn huwa qal li is-sigar hoxnin li kien hemm fil-genb tat-triq qabel il-bus shelter kienu jirristringu l-vizwali ghal min ikun qed jaqsam minn dak il-punt tat-triq u li meta wiehed jigi linja maghhom ikun mistur. Fil-fehma tal-Qorti dan jindika mhux biss li min ikun ser jittenta jaqsam minn dak il-punt tat-triq ikollu l-vizwali ristretta ghall-vetturi li jkunu qed jipprocedu fil-karreggjata tax-xellug u gejjin mid-direzzjoni li kien gej minnha l-imputat izda jfisser ukoll li l-pedestrian li jittenta jaqsam minn dak il-punt ikun mistur u mhux vizibbli ghas-sewwieq li jkun qed jipprocedi bil-mod imsemmi fl-istess karreggjata.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jindika li l-vittmi qasmu t-triq ghall-gharrieda u inaspettatament u minghajr m'esploraw adegwatament it-triq sabiex jaccertaw ruhhom li setghu jaqsmu fejn ghalhekk holqu emergenza subitanea lill-imputat meta ghazlu li jinzlu l-bankina u jidhlu fil-karreggjata li kien qed jipprocedi regolarment fiha hu minn magemb il-bus shelter fejn kien hemm is-sigar qed jirrestringilhom il-vizwali u meta huma setghu facilment jimxu ftit metri l-fuq u jaqsmu b'mod sikur minn fuq il-pedestrian crossing/pelican lights li kien hem 26 metru l-boghod.

A tenur tal-principji ndikati f'Pulizija vs Alfred Caruana u Pulizija vs Thornton li saret referenza ghalihom aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza dan ifisser li l-imputat li gie rinfaccjat b'tali emergenza subitsnea u imprevedibbli u mprevista u li ha l-mizuri kollha mistennija minn sewwieq

prudenti ghandu jigi ezentat minn kwalunkwe responsabilita' kriminali ghall-investiment tal-vittmi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

---

[i] Process Verbal relattiv inserit a fol. 37 et sequitur tal-atti processwali.
[ii] A fol. 50 et sequitur.
[iii] Rapport inserit a fol.. 85 et sequitur.